

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Titolu Eżekuttiv Ewropew](#) > [Estonia](#)

# Titolu eżekuttiv ewropew

Estonja



Estonja

## SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

### 1. Proċeduri għall-korrezzjoni u l-irtirar (Art. 10(2))

Fl-Estonja tista' tiġi ppreżentata talba għal rettifika jew irtirar ta' ordni ta' eżekuzzjoni Ewropea speċifikata fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament fil-mod stabbilit fl-Artikolu 447 u fit-Taqsima 619<sup>1</sup>(3) u (4) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

### 2. Proċeduri għar-reviżjoni (Art.19 (1))

Fis-sitwazzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 19(1), fl-Estonja tista' tiġi ppreżentata talba skont l-Artikolu 415 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

### 3. Lingwi aċċettati (Art. 20(2)(c))

Għall-finijiet tal-Artikolu 20(2)(c) tar-Regolament, l-Estonja tilqa' ċertifikati bl-Ingliż jew bl-Estonjan jew li jkunu ġew tradotti għal dawk il-lingwi.

### 4. Awtoritajiet nominati biex jiċċertifikaw id-dokumenti awtentiċi (Art. 25)

L-awtorità msemmija fl-Artikolu 25 hija l-Qorti tal-Kontea ta' Harjumaa.

■ L-aħħar aġġornament: 17/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.